



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

10.9.2013

B7-0414/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu
(2013/2820(RSP))

José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Cristian Dan Preda, Tokia Saïfi, Jerzy Buzek, Tunne Kelam, Jean Roatta, Roberta Angelilli, Francisco José Millán Mon, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Arnaud Danjean, Hans-Gert Pöttering, Anne Delvaux, Jacek Protasiewicz, Elisabeth Jeggle, Bernd Posselt, Salvatore Iacolino, Giovanni La Via f'isem il-Grupp PPE

RE\1002469MT.doc

PE519.254v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu
(2013/2820(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton tal-14 ta' Awissu 2013 u d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti John Kerry u r-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton tas-7 ta' Awwissu 2013 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu wara l-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE tal-21 ta' Awwissu 2013,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-nuqqas min-naħa tal-gvern ta' Morsi biex iwettaq il-wegħdiet ekonomiċi, biex iqis it-tħassib leġittimu tal-forzi demokratiċi kollha tas-soċjetà Eġizzjana u biex jimplimenta tranżizzjoni demokratika mitluba mill-popolazzjoni għal dawn l-aħħar sentejn wassal għal żieda fil-polarizzazzjoni politika, dimostrazzjonijiet tal-massa fejn il-President Morsi ntaleb jirriżenja u għied vjolenti;
- B. billi fit-3 ta' Awissu 2013 il-militari neħħew lill-President Morsi mill-kariga u arrestawh minħabba akkużi ta' inċitament għall-vjolenza;
- C. billi l-gvern interim iddikjara stat ta' emerġenza, billi l-medjazzjoni tal-UE u dik internazzjonali s'issa ma rnexxiliex tistabbilixxi djalogu politiki inklużiv u billi komplew il-protesti, il-għied u l-arresti;
1. Jesprimi s-solidarjetà kbira tiegħu għall-poplu Eġizzjan u l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi ta' għied u vjolenza;
 2. Jikkundanna l-użu sproporzjonat tal-forza u jiddispaċih dwar it-telfa traġika tal-ħajja umana; jitlob lill-Gvern tal-Eġittu jiżgura li l-forzi tas-sigurtà jistabbilixxu proċeduri ta' rieżami intern adegwati, sabiex ir-responsabbiltajiet għall-użu eċċessiv tal-forza jistgħu jiġu żgurati; jitlob li strettament, fil-futur, il-Fraternità Musulmana ma timpenja ruħha fl-ebda forma ta' vjolenza u biex tappoġġa proċedimenti ġuridiċi kontra dawk tal-mexxejja tagħha li talbu li tintuża l-vjolenza, filwaqt li ttrispetta l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt;
 3. Jiddeplora fl-istess waqt il-fatt li t-tmexxija tal-Fraternità Musulmana naqset milli tagħti istruzzjonijiet ċari lis-sostenituri tagħha biex iżommu lura minn kwalunkwe forma ta' vjolenza kontra l-armata u l-pulizija u dawk maħsuba li kienu avversarji politiċi, b'mod partikolari l-komunità Kopta tal-Eġittu; jiddeplora l-fatt li t-tmexxija tal-Fraternità Musulmana ma pprevenietx dawk l-attakki u kkundannathom tard wisq;

4. Jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani, sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għal proċess politiku inklużiv, biex jintemm l-istat ta' emerġenza mill-iktar fis possibbli, biex jinħelsu l-priġuniera politiċi kollha u d-detenuati kollha jiġu ttrattati b'rispett sħiħ tal-obbligi internazzjonali tagħhom;
5. Jikkundanna l-vjolenza reċenti kontra l-komunità Kopta, inkluża l-qerda ta' għadd kbir ta' knejjes, ċentri tal-komunità u negozji madwar il-pajjiż; jinnota l-pluraliżmu storiku tas-soċjetà Eġizzjana u t-tradizzjoni li ilha teżisti għal sekli sħaħ tal-komunità Kopta Eġizzjana; jitlob lill-Gvern Eġizzjan jappoġġa l-komunità Kopta b'kull mod possibbli, sabiex il-komunità Kopta Eġizzjana tista' tkompli tkun parti importanti min-nisġa soċjali u ekonomika tal-Eġittu u li terġa' tiġi għal li kienet malajr il-koeżistenza paċifika mal-komunitajiet l-oħra tal-Eġittu;
6. Jindika li, minkejja li ġie elett b'mod demokratiku, il-President Morsi naqas milli jwettaq l-aspettattivi demokratiċi tal-poplu tal-Eġittu u ġie akkużat li uża l-poter tiegħu biex ibiddel l-Eġittu f'awtokrazija; jindika wkoll li taħt il-President Morsi, l-Eġittu sistematikament naqas milli jiġġieled it-terroriżmu u l-estremiżmu Iżlamiku fl-Eġittu, b'mod partikolari fil-Peninsula Sinai;
7. Jindika li n-nuqqasijiet serji msemmija hawn fuq wasslu għal żieda ta' sens ta' aljenazzjoni fis-soċjetà Eġizzjana, li fl-aħħar mill-aħħar irriżultat biex il-maġġoranza kbira tal-Eġizzjani talbu b'mod paċifiku għal triq ġdida lejn id-demokrazija li tista' tiżgura drittijiet demokratiċi adegwati għall-komponenti politiki, soċjali u reliġjużi kollha ta' soċjetà pluralistika Eġizzjana;
8. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' proċess urġenti u ġenwin ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali, i jinkludi l-forzi politiċi u soċjali demokratiċi kollha fl-Eġittu, u jistieden lill-komponenti moderati tal-Fraternità Musulmana jappoġġaw b'mod attiv il-proċess tat-tranżizzjoni demokratika u jkunu parti minnu;
9. Jesprimi l-akbar appoġġ tiegħu għall-proċess ta' abbozzar u riforma kostituzzjonali li għaddej bħalissa u jenfasizza li dan għandu jqiegħed il-pedamenti għal Eġittu ġdid verament demokratiku, filwaqt li jiggarrantixxi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà reliġjuża, għaċ-ċittadini kollha, nisa u rġiel, tal-Eġittu u jippromwovi t-tolleranza u l-koeżistenza interreliġjuża u jiggarrantixxi l-protezzjoni tal-minoranzi kif ukoll il-libertà tal-assoċjazzjoni u tal-midja; jemmen bis-sħiħ li l-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' Kostituzzjoni ġdida għandu jinkludi l-komponenti kollha tal-ispettru politiku Eġizzjan, inklużi l-komponenti moderati tal-Fraternità Musulmana, u li għandu jiġi segwit minn referendum dwar Kostituzzjoni ġdida u pluralistika u minn elezzjonijiet parlamentari ħielsa u ġusti;
10. Jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex jgħin lill-poplu Eġizzjan fil-proċess lejn riforma demokratika u ekonomika; jitlob lir-Rappreżentant Għoli biex isegwi s-sitwazzjoni mill-qrib, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet tal-poplu Eġizzjan;
11. Jitlob biex l-għajnuna tal-UE fl-Eġittu tkun marbuta b'mod ċar mal-impenji politiċi u l-implimentazzjoni tagħhom, b'konformità mal-prinċipju ta' Iktar għal Iktar, iżda billi titqies ukoll is-sitwazzjoni ekonomika serja tal-pajjiż, mingħajr ma tiġi ddubitata l-

għajnuna tal-UE għas-soċjetà ċivili u l-persuni li l-iktar għandhom bżonnuha;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu.